MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2013

Talba Numru. 40/2013

**Vodafone Malta Limited
C10865**

**vs**

**Lyon Bonnici
ID-465489M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' tlett elef u ghoxrin ewro u tmienja u tletin centezmu tal-ewro (€3,020.38c), rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenut a bazi ta' ftehim bejn il-kontendenti, u dan kif jirrizulta mir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. VF1'.

Illi minkejja illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi b’talba ghall-pagament effettiv tal-ammont hawn reklamat, hu baqa’ inadempjenti bil-konsegwenza illi kellha tigi addottata din il-procedura.

Bl-ispejjez inkluzi dawk konnessi mal-ittra ufficjali bin-numru 2807/12 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 3210/12 u bl-imghax legali mid-data ta’ meta l-ammont reklamat sar dovut sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef u ghoxrin ewro u tmienja u tletin centezmu tal-ewro (€3,020.38c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------